TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal ghat-Talbiet Tal-Konsumaturi**

**Rikors Nru C.C.T 248/14/MS**

**Graziella Abela**

**vs**

**Robert Tabone ezercenti l-kummerc bhala Top Choice**

Illum 23 ta' Frar 2015.

It-Tribunal,

Ra t-talba tar-rikorrenti Graziella Abela tal-15 ta' Dicembru 2014.

Ra illi l-intimat, debitament notifikat bir-risposta fis-16 ta' Dicembru 2015, baqa' kontumaci.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati, sema' lir-rikorrenti u ha konjizzjoni tal-atti kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra;**

Irrizulta mill-provi illi fit-12 ta' Lulju 2014, ir-rikrorenti xtrat *water dispenser* minghand il-hanut Top Choice, versu l-prezz ta' tmenin Euro (€80.00). Bdiet taghmel uzu minnu f'Settembru 2014 u l-ghada li bdiet tuzah, indunat li kien hemm *wires* esposti ghall-ilma u hadet xokk. Infurmat lill-intimat u fi zmien gimgha gie xi hadd biex jigbor il-magna ghat-tiswija. Wara gimgha, hadet il-magna lura, pero meta marret biex tuzaha indunat illi l-panel kien maqlugh. Regghet infurmat lill-intimat, pero din id-darba insistew illi l-magna kienet tajba u rrifjutaw illi jergghu johduha lura ghat-tiswija. Ir-rikorrenti qalet ukoll illi kull darba illi ccempel lill-intimat, huwa jevitaha u jghaddiha lis-*salesgirl*.

Illi l-intimat ma pprezentax risposta u lanqas attenda ghas-seduta.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti qed tqis illi l-magna mixtrija minghand il-kumpanija mhix tal-kwalita pattwita u kolpita b'difett mohbi u serju u mhux tajba ghall-uzu li ghaliha nxtrat.

It-Tribunal jirrileva l-ewwel nett illi l-azzjoni attrici hija bbazata fuq l-actio redibitoria u cjoe' diffett latenti peress illi l-oggett mixtri hu dak li effettivament ordnat u mhux xi hag'ohra. L-attrici donnha qed tikkonfondi dawn iz-zewg azzjonijiet izda t-Tribunal identifika l-azzjoni li trid taghmel l-attrici u ser tibbaza d-decizjoni taghha fuq dak il-binarju.

**Ikkunsidra:**

Illi wara li l-attrici xtrat il-*water dispenser* ma uzatux mal-ewwel izda hallietu ghal xi xhur fil-kaxxa tieghu sakemm il-post fejn kellha tqieghdu kien lest. Meta mbaghad armatu hadet xokk ghax sabet xi wires li ma kienux f'posthom u l-ilma kien qed iqattar fuqhom. Wara tiswija il-*water dispenser* gie lura bil-*panel* maqlugh. Ovvjament l-attrici ma tistax taccetah f'dan l-istat, peress illi jkun perikoluz li tuzah minghajr sigurta' ta' xejn. F'dan l-istadju il-*water dispenser* ma jistax jintuza u ghalhekk dan id-difett jaghmlu mhux tajjeb ghall-uzu li kien intenzjonat ghalih. L-attrici ma sabet l-ebda kooperazzjoni min-naha tas-socjeta' konvenuta, li lanqas

indenjaw ruhhom jezaminaw il-*water dispenser* biex jaghmlu l-gudizzju taghhom u l-anqas indenjaw ruhhom jattendu t-Tribunal biex jittitulaw l-interessi taghhom. Ovvjament dan it-Tribunal m'ghandux aktar x'jikkumenta u jidhirlu li t-talba attrici ghandha tigi milqugha.

Illi rigward it-talba ghal danni morali, mhux il-kaz illi t-Tribunal jakkorda din it-talba.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tal-attrici, jordna s-socjeta' konvenuta jhallas lura l-ammont ta' tmenin Euro (80.00) lill-attrici, bid-dritt illi s-socjeta konvenuta tiehu lura il-water dispenser in kwistjoni. Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbitru**